



Brussell, 11 ta' Frar 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0093(NLE)

5654/1/20
REV 1

RECH 17
ATO 4
ASIE 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7571/2016 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari ANNEXS għad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari - Adozzjoni

1. Fl-4 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari.
2. Dan il-ftehim ġie nnegożjat abbażi ta' direttivi ta' negożjati approvati mill-Kunsill fit-3 ta' Lulju 2009.

3. Wara l-laqgħat tiegħu fit-18 ta' April u fis-6 ta' Ġunju 2016, fit-28 ta' Marzu, fil-11 ta' April u fis-6 u s-16 ta' Mejju 2019 u fis-27 ta' Jannar 2020, il-Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar ir-Riċerka/Kwistjonijiet Atomiċi laħaq qbil dwar l-approvazzjoni ta' dan il-Ftehim.
 4. Huwa ssuġġerit, għalhekk, li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni tal-Ftehim kif imniżżel fid-dokumenti 5647/20 RECH 15 ATO 2 ASIE 5 u 5648/20 RECH 16 ATO 3 ASIE 6 kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.
-